Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 19/2015

**Mario Farrugia (appellat)**

**Vs**

**Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd (appellanti)**

28 ta' April, 2017.

1. B'avviz prezentat fit-3 ta' Lulju, 2013 l-attur talab lit-Tribunal ghal Tabiet tal-Konsumatur sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' elf u sebgha u sebghin ewro (€1,077) li hu parti mill-prezz ta' konsenja madum, li hallas lis-socjeta' konvenuta. L-attur iddikjara li m'huwiex sodisfatt bil-madum, minhabba li fih difett. Ghalhekk ippropona din il-kawza sabiex jiehu lura l-flus li hallas u l-konvenuta tiehu lura l-madum li gie kkonsenjat.

2. Il-konvenuta kkontestat il-pretensjoni tal-attur billi ssostni li l-madum m'huwiex difettuz.

3. B'sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur laqa' t-talba tal-attur u kkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' elf u sebgha u sebghin ewro (€1,077).

4. Is-socjeta' appellanti appellat mis-sentenza. L-aggravju hu:

   i. L-avviz tat-talba kien indirizzat lil Johann Camilleri – Creations u mhux lil Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd li hi entita separata. Il-kawza nstemghet fil-konfront ta' Johann Camilleri li m'ghandux relazzjoni guridika mal-attur. Fatt li gie njorat mit-Tribunal peress li fis-sentenza l-okkju nbidel minn Mario Farrugia vs Johann Camilleri-Creations ghal Mario Farrugia vs Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd.
   ii. It-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u ppregudika b'mod gravi, reali u materjali l-jeddijiet tal-appellant in kwantu ta piz fuq fatti totalment skorretti. Fid-decizjoni t-Tribunal qal:

*"Illi fil-meritu, jinghad mal-ewwel li l-madum imqieghed u jekk dan sarx sew jew le, hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabbad l-espert il-Perit Arkitett Carmel Cacopardo ghal dan il-ghan"*.

It-Tribunal kien zbaljat meta qal li l-madum tpogga fil-post, meta mill-provi rrizulta li ma kienx. Dan m'huwiex kaz ta' madum difettuz izda ta' madum li kien tpogga (fil-kaz ta' Darren Farrugia et[1]) mhux skont is-sengha u l-arti. Dan kif gie kkonfermat mill-perit tekniku nkarigat mit-Tribunal. It-Tribunal ma seta' qatt jiddeciedi li l-madum hu difettuz meta ghadhom lanqas ma nfethu l-kaxxi. L-oneru tal-prova kien fuq l-attur, u ma pprezentax provi konkreti sabiex juru illi dak li qieghed jallega hu minnu.

5. L-appellat wiegeb:

   i. Peress li l-ammont mitlub ma jaqbizx is-somma ta' €1,200 appella jista' jsir biss fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 22 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378). Fil-kaz in ezami m'hemmx ic-cirkostanzi kontemplati mil-ligi sabiex ikun jista' jsir appell mis-sentenza tat-Tribunal.
   ii. Wiehed ma jistax ihallat l-apprezzament skorrett tal-provi mad-dettami tal-gustizzja naturali. Il-principji tal-gustizzja naturali huma differenti u m'hemmx bzonn li l-appellat jidhol f'tali principji.
   iii. F'kull kaz din il-qorti m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti, minghajr raguni gravi. Fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda raguni ghalfejn din il-qorti ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula mit-Tribunal.

6. L-ewwel aggravju hu fieragh. Fis-seduta tat-12 ta' Settembru, 2013 intqal:

   *"Il-partijiet jaqblu illi l-isem l-intimat ghandu jaqra Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd u t-Tribunal jordna l-korrezzjoni fl-okkju u fl-atti kollha tal-kaz. Il-partijiet jaghtu ruhhom notifikat b'din il-bidla"*.

   Kull kumment iehor ikun superfluwu.

7. It-Tribunal ibbaza d-decizjoni fuq ir-rapport li hejja l-perit Carmel Cacopardo. Kien fis-seduta tat-12 a' Settembru, 2013 li t-Tribunal innomina lill-perit Cacopardo bhala perit gudizzjarju sabiex *"jezamina x-xoghol in kwistjoni inkluz il-madum li ntuza fil-fond tar-rikorrenti"*. Fir-rapport jinghad:

[1] Ara **Darren Farrugia et vs Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd** (21/2015).

*"Illi meta sar l-access kien tqiegħed il-madum fil-flat numru 1 biss. Meta permezz ta' invell gie ezaminat il-mod kif tqiegħed il-madum gie osservat li filwaqt li meta l-invell twil metru tqiegħed fuq il-madum dan immarka illi l-madum imqiegħed sewwa b'mod orrizontali. Izda meta minflok intuza invell izghar u li allura qaghad fuq maduma wahda dan ma tax l-istess rizultat.*

*Sussegwentement gejt muri mill-intimati zewgt madumiet bhala indikazzjoni illi l-madum individwali kien ftit imqammar. Il-madum muri kien tali li meta tqiegħed wicc imb'wicc kien tghaddi kemm kemm karta irqiqa.*

*L-ezami ta' zewg madumiet mhux bizzejjed biex nasal ghall-konkluzjoni dwar il-kwalita tal-madum. Huwa necessarju li jkun stabbilit anke minn ezami tal-ispecifications jekk dan huwiex parti mid-dizinn tal-madum jew inkella jekk huwiex eccezzjoni.*

*Min-naha l-ohra huwa car li l-madum ma tqieghedx sewwa. Imma meta wiehed jikkunsidra li l-intimati offrew is-servizz ta' tile-layers ta' esperjenza bil-fors li nasal ghall-konkluzjoni illi l-intimati kienu konxji li seta' jkun hemm diffikultajiet fit-tqeghid tal-madum. Allura bilfors trid issir il-konsiderazzjoni jekk ir-rikorrenti kienux konxji bizzejjed ta' din id-diffikulta. Dan necessarjament iwassal ghal konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jmorru lil hin mill-inkarigu tieghi".*

8. Ladarba l-ammont pretiz hu nqas minn €1,200, l-appell irid ikun jitratta wiehed mill-materji li jissemmew fl-artikolu 22 tal-Kap. 378. L-appellanti ghamlet riferenza ghal paragrafu (c) li jipprovdi:

*"(c) meta t-tribunal ikun mar kontra l-principji ta' gustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella".*

Fis-sentenza **Carmel Gerada vs Charles Borg Barthet** tad-29 ta' Jannar 1999, din il-qorti qalet:

*"Hu konsentit appell minn decizjoni tat-Tribunal, biss meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella [subinciz 2 ta' l-artikolu 22]. Ma hijiex allura korretta s-sottomissjoni ta' l-appellat illi appell mid-decizjoni tat-Tribunal jista' jsir biss fuq punt ta' ligi u mhux ta' fatt. It-Tribunal hu tenut illi jiddeciedi l-kwistjoni quddiemu skond kull mertu u gustizzja sostantiva tal-kaz u skond l-ekwita'. Il-gustizzja u l-ekwita' jirrikjedu illi d-decizjoni tat-Tribunal tkun bazata fuq il-fatti provati. Filwaqt li din il-Qorti ta' revizjoni ma ghandhiex il-kompetenza biex tissindika decizjoni ta' fatt li jkun wasal ghaliha t-Tribunal in kwantu din hi materja ta' kompetenza esklussiva tieghu, din il-Qorti ma hiex eskluza mill-funzjoni li tiddeciedi jekk tali decizjoni ta' fatt kenitx tirrifletti l-gustizzja sostantiva u l-ekwita'. **Gustizzja sostantiva li fil-verita' trid tkun bilfors konfortata b'modiku ossia minimu ta' fatt provat. Huwa wkoll principju ta' gustizzja naturali illi l-gudikant ghandu jiddeciedi iuxta allegata et probata u ma jistax jiddeciedi manifestament u ovvjament kontra dak li gie quddiemu provat.** Pero' fl-apprezzament tal-fatti, it-Tribunal kien l-uniku arbitru u d-decizjoni tieghu ma kenitx sindakabbli mill-Qorti".*

F'sentenza ohra ta' din il-qorti fl-ismijiet **Jason Pace vs Carmelo sive Charles Borg** tad-9 ta' Jannar 2008, intqal:

*"Huwa opportun illi, qabel xejn, jigi mfakkar illi fi zmenijiet pjuttost ricenti din il-Qorti, kif presjeduta, amplifikat sewwa l-koncetti tradizzjonali tal-gustizzja naturali, senjatament, ir-*

*regola audi alteram partem. Dan ghamlitu principalment fid-decizjoni taghha tat-28 ta' Marzu, 2007 fil-kawza fl-ismijiet "**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi nomine**", fejn fiha giet mistharrga n-natura multiformi tal-principju, senjatament il-punt illi "l-process ghandu jipproduci dik iddecizjoni akkurata li tirrifletti l-verifiki korretti ta' fatt u ta' l-applikazzjoni tal-ligi". Hu fid-dawl ta' din l-affermazzjoni illi l-Qorti jehtiegilha tinvesti jekk kienx hemm fil-kaz in ispecje ksur tal-principju suddett. Ghal fatt illi, kif ritenut mill-appellanti, it-Tribunal naqas milli jippresta attenzjoni xierqa lil mertu tal-kaz u, ukoll, milli jforni dawk ir-ragunijiet guridici li t-talba kif proposta kienet timmerita"*

9. Mis-sentenza jirrizulta li t-Tribunal:

    i. Ibbaza d-decizjoni fuq ir-rapport tal-perit Cacopardo. Tant hu hekk li lanqas m'hemm riferenza ghall-provi l-ohra li ressqu l-partijiet;
    ii. Ikkonkluda li l-attur ma nghatax informazzjoni bizzejjed dwar il-prodott;
    iii. L-attur kellu jindaga fuq l-ispecifikazzjonijiet tal-madum maghzul;
    iv. Qal li relazzjoni ta' perit m'ghandhiex tigi skartata facilment.
    v. ***"Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu l-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtur minn dan it-Tribunal"***.

10. Ghal dak li jikkoncerna t-tezi tal-attur li l-madum hu difettuz, fl-avviz iddeskrivieh li ghandha *'hafna hanek'*, u li *'l-wicc tal-madum ma kienx lixx anzi immewweg'*.

11. Hu evidenti li t-Tribunal addotta l-istess motivazzjoni li ta fis-sentenzi fl-avvizi numru: 20/2015 u 21/2015. Il-qorti tosserva li:

    i. Il-perit tekniku qatt ma qal li l-madum li xtara l-attur kien difettuz, izda li ma kienx f'posizzjoni jasal ghal konkluzjoni dwar il-kwalita tal-madum. Hekk ukoll meta xehed (seduta tad-19 ta' Frar, 2015) qal: *"Nghid illi jien ma kellix l-ispecifications u allura ma nistax nghid jekk il-madum huwiex imqammar by design jew inkellha ikunx difettuz"*.

    ii. Ghalkemm fir-rapport jinghad li l-konvenuti offrew is-servizz ta' *tile layers* ta' esperjenza u ghalhekk jikkonkludi li kienu jafu bid-diffikultajiet fit-tqeghid tal-madum, din hi konsiderazzjoni li semmai kellu jaghmel it-Tribunal. Perit tekniku jinhatar sabiex jaghti opinjoni dwar materja teknika u mhux biex joqghod jinterpreta l-fatti.

    iii. Gialadarba t-Tribunal addotta l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, hu ovvju li qatt ma seta' jilqa' t-talba tal-attur gialadarba l-ilment tal-attur hu li l-madum li xtara hu difettuz.

iv. Gialadarba l-perit tekniku ddikjara li ma kienx f'posizzjoni li jirrelata dwar il-kwalita' tal-madum u li kien hemm bzonn li ssir iktar indagni, it-Tribunal ma kellux ighaddi ghas-sentenza qabel jaccerta ruhu x'seta' jsir biex jigi accertat jekk il-madum kienx difettuz jew le. Fatt li kellu jigi determinat qabel tinghata s-sentenza.

12. F'dan il-kaz it-Tribunal ibbaza d-decizjoni fuq ir-rapport tal-perit tekniku biss, li pero fir-rapport u meta xehed iddikjara **li ma kienx f'posizzjoni jiddikjara jekk il-madum kienx difettuz**. Ghalhekk a bazi ta' dak ir-rapport it-Tribunal ma setax jilqa' t-talba tal-attur, liema talba kienet bazata fuq l-ilment li l-madum hu difettuz. Ghadaqstant l-aggravju tal-kumpannija konvenuta hu gustifikat u meqjus il-gurisprudenza fuq imsemmi, jaqa' taht paragrafu (c) ta' subinciz 2 tal-artikolu 22 tal-Kap. 378.

13. Ghalkemm fit-twegiba l-attur ghamel riferenza ghar-rapport tal-perit David Psaila (datat 17 ta' Mejju, 2013), fil-motivazzjoni tas-sentenza m'hemmx riferenza ghalih. Dan apparti li l-konvenuta pprezentat rapport tal-perit Darren Sciberras li fih opinjoni dijametrikament opposta ghal dik li esprima l-perit Psaila.

14. Il-fatt li l-konvenuta qeghda tinghata ragun fl-ilment taghha li s-sentenza tat-Tribunal hi bazata fuq rapport tal-perit tekniku li ma qalx li l-madum hu difettuz, ma jfissirx li fil-meritu ghandha ragun. Din hi materja li ghad trid tigi deciza minn din il-qorti (ara artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur). Din hi materja li ghad trid tigi deciza minn din il-qorti (ara artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur). L-appellanti ghamlet riferenza ghal fatt li l-perit tekniku rrelata li l-madum *"ma tqeghidx sew"* u li din kienet ir-raguni ghalfejn inqalghet il-kwistjoni. Hu minnu li l-perit tekniku qal hekk, pero':

i. Fil-kaz tal-attur, il-madum ma twahhalx mal-art;
ii. Il-perit tekniku m'esprima l-ebda opinjoni dwar jekk il-madum huwiex difettuz.
iii. Il-fatt li l-perit tekniku rrelata li l-madum *"ma tqeghidx sew"*, m'hijiex xi certifikat li l-madum m'huwiex difettuz. Fil-fatt kien il-perit tekniku stess li fir-rapport qal, ***"... huwa necessarju li tkun ezaminata iktar fil-fond l-issue tal-kwalita"***.

**Ghal dawn il-motivi:**

1. **Tichad l-ewwel aggravju tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**
2. **Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-appellat.**

3. **Tilqa' l-appell sa fejn hu kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq u thassar is-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2015. Tordna li a tenur tal-artikolu 22(4) tal-Kap. 378 il-kaz jibqa' jinstema' u jigi deciz minn din il-qorti.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.